MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Numru. 642/2002

Il-Pulizija
(Sp Angelo Caruana)
vs
Anthony Bonavia, iben Tony,
imwieled Żabbar fl-1 ta' marzu, 1953

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-1 ta' ġunju, 2002, għal ħabta tad-9.45 p.m. fi Triq Testaferrata, Ta' Xbiex bil-ħsieb li jikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stacy Chircop, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi ta diversi daqqiet ta' arma li taqta u bil-ponta lill-istess Stacey Chircop liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq

il-persuna ta' Stacey Chircop liema ferita twettqet b'arma li taqta u bil-ponta skond kif ġie ċertifikat mit-Tabib Dr. M. Spiteri M.D.;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kum-missarju tal-Pulizija kellu fil-pussess tiegħu u ġarr arma li taqta u bil-ponta barra minn xi fond jew f'post li jagħmel miegħu;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi waqt li kien qed iwettaq delitt kien
fil-pussess ta' arma regolari;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi fl-inħawi ta' Triq Testaferrata, Ta' Xbiex saq vettura tal-amrka Fiat Regata, bin-numru tar-reġistrazzjoni CAT 552, b'manjiera perikoluża, negliġenti u traskurata.  Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-tħassir jew l-iskwalifika milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan;
6. talli għamel denunzja lill-pulizija esekuttiva ta' reat li jaf li ma sarx, inkella
bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
7. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew
il-kwiet tal-pubbliku;
8. talli sar reċidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-6 ta' ottubru, 1999, tal-31 ta' mejju, 1994, tat-30 ta' april, 1993 u tal-20 ta' jannar, 1993 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha ħlief l-ewwel u il-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat illi mhemm ebda prova dwar dawn l-akkużi.

Rat illi l-imputat ikkolabora bi sħiħ mal-pulizija u li għandu problemi ta' alkoħol kif ukoll ta' droga.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 221(1), 101(1)(a), 338(m), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi
l-imputat ikkolabora mal-pulizija u meta ġara l-inċident hu kien taħt l-inflwenza
tax-xorb u tad-droga u talab lill-Qorti biex waqt li jkun qed jiskonta s-sentenza tiegħu jingħata kura għal dawn il-problemi. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-artikolu 21
tal-Kodiċi Kriminali hi f'waqta. Tikkundannh għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Corradino biex mill-akatr fis jieħu ħsieb biex jitfassal programm ta' riabilitazzjoni biex l-imputat isolvi
l-problemi tiegħu li jirrigwardaw ix-xorb u id-droga.

--------------------------------TMIEM--------------------------------